# BILANĊ BEJN IX-XOGĦOL U L-ĦAJJA TAL-FAMILJA

Il-ħajja mgħaġġla li qed ngħixu, il-bidliet demografiċi, u forsi l-istil ta' ħajja moderna in ġenerali qed iġegħluna napprezzaw iktar il-ħin mal-familji tagħna. Huwa minnu li matul l-aħħar snin rajna diversi inizjattivi jinkoraġixxu lin-nies kemm biex jidħlu fis-suq tax-xogħol, kif ukoll biex iżommu l-impenji tagħhom fi ħdan il-familja.

Dan iċ-ċaqliq jeżisti wkoll fuq livell Ewropew. Fis-sena 2000, per eżempju, ittieħdet riżoluzzjoni fil-Kunsill tal-Ministri dwar parteċipazzjoni bilanċjata kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa fil-familji u fil-ħajja tax-xogħol. Direttiva tal-1996 (96/34/KE) elenkat miżuri dwar *parental leave*, filwaqt li direttiva tal-1992 (92/85/KEE) tipprovdi għall-protezzjoni ta' nisa għaddejjin mit-tqala, li għadhom kif weldu jew li qed ireddgħu.

Matul dawn l-aħħar ġimgħat, il-Kummissjoni Ewropea nediet diversi proposti biex jidħlu fil-liġi Ewropea. B'mod partikolari, qed tagħmel sejħa sabiex il-*maternity leave* jiżdied għal tmintax-il ġimgħa, b'rakkomandazzjoni li n-nisa intitolati għalih jitħallsu s-salarju sħiħ matul dan il-perjodu. Il-Kummissjoni qegħda wkoll issostni li għandu jkun hemm element ta' flessibiltà fit-teħid ta' parti mil-*leave* (jekk hux qabel jew wara t-twelid) u li l-omm għandha d-dritt li ssaqsi lil min jimpjegaha għal modijiet ta' kif jista' jsir ix-xogħol b'mod iktar flessibli wara li jispiċċa ż-żmien tal-*maternity leave*. F'dan il-każ, min jimpjega xorta jkollu d-dritt li jirrifjuta.

Diġà kien hemm xi reazzjonijiet għal dawn il-proposti. Il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trejdjunjins (ETUC) qalet li dan il-pakkett ta' miżuri huwa neċessarju. Il-Federazzjoni tal-Intrapriżi ż-Żgħar (UEAPME), minn naħa l-oħra, uriet it-tħassib tagħha li jinħolqu diffikultajiet u spejjeż ġodda għan-negozji ż-żgħar. Hemm min qal li min jimpjega jaf jaħsibha darbtejn biex jagħmel hekk f'każ ta' nisa żgħar – jekk jidħlu kundizzjonijiet ġodda. Numru ta' Membri Parlamentari Ewropej ukoll ħarġu bi stqarrijiet pubbliċi differenti.

Ma' dawn il-proposti, il-Kummissjoni Ewropea qed taħseb ukoll biex tgħin lin-nisa li jaħdmu għal rashom u dawk li



jgħinu f'negozji tal-familja forsi b'mod informali. B'mod partikolari, tixtieq li omm li taħdem għal rasha jkollha l-istess aċċess għal *maternity leave* – għalkemm tkun tista' tagħżel jekk tridx tieħdu jew le. L-istess għal dawk in-nisa li jaħdmu b'mod informali f'azjendi tal-familja.

Bla dubju s-setturi li jistgħu jiġu milqutin huma varji. Il-proposti issa jridu jiġu diskussi bejn il-Ministri fil-laqgħat tal-Kunsill u fil-Parlament Ewropew. Jidher li se jwasslu għal dibattitu ferm interessanti u wieħed irid jara kif se jiżvolġi.



**Minn Julian Micallef**
MEUSAC

Malta-EU Steering & Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112
2590 9101
info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt